



UNJONI EWROPEA

IL- PARLIAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussel, 8 ta ' Frar 2005
(OR. en)

2004/0045 (COD)

PE-CONS 3601/05

ENV 16
CODEC 22
OC 5

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Direttiva 2005/./KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

Linji ta' Gwida Komuni

Terminu Perentorju għall-Konsultazzjoni: 16.02.2005

**DIRETTIVA 2005/./KE TAL-PARLAMENT EWROPEW
U TAL-KUNSILL**

ta'

li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ¹,

Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ²,

¹ ĠU C 241, 28.9.2004, p. 20.

² Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2004 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill ta'...

Billi:

- (1) Fid-dawl tat-tkabbir riċenti ta' l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li tingħata l-attenzjoni dovuta għas-sitwazzjoni speċifika fl-Istati Membri l-ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-miri tar-riċiklaġġ u l-irkuprar stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE ¹.
- (2) L-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea bis-saħħa tat-Trattat ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jeħtieġu żmien addizzjonali biex jadattaw is-sistemi tagħhom ta' riċiklaġġ u rkuprar għall-miri tad-Direttiva 94/62/KE.
- (3) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu armonizzati l-miri nazzjonali għar-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' skart mill-imballaġġ, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.
- (4) Fid-dawl tat-tkabbir ieħor ta' l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li tingħata l-attenzjoni dovuta wkoll għas-sitwazzjoni speċifika f'pajjiżi li l-adeżjoni tagħhom hija ppjanata fi stadju aktar tard.
- (5) Id-Direttiva 94/62/KE għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens,

¹ ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/12/KE (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 26).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 94/62/KE:

"11. L-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea bis-saħħa tat-Trattat ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jistgħu jipposponu il-kisba tal-miri msemmija fil-paragrafu 1 il-punti (b), (d) u (e) sa data ta' l-għażla tagħhom li m'għandhiex tkun aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovenja u s-Slovakkja; il-31 ta' Diċembru 2013 għal Malta; il-31 ta' Diċembru 2014 għal-Polonja; u l-31 ta' Diċembru 2015 għal-Latvja."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idañhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa *. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-disposizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-disposizzjonijiet u din id-Direttiva.

* 18-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għall-għamla ta' tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President